*- JUDICIAL REVIEW-*

- *ARTIKOLU 469 A TL-KAP 12 –*

- *TERMINU TA' SITT XHUR HUWA TA' DEKADENZA –*

- *KAP 337 ATT DWAR ID-DAZI TA' IMPORTAZZJONI –*

- *ARTIKOLI 25 U 36 TAL-KAP 337 –*

*- ARTIKOLU 8 TAL-KAP 336 –*

*- INDEBITI SOLUTIO –*

*- ART. 1022 TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 31**
**Citazzjoni Numru: 2154/97/RCP**

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici importat f'Malta f'okkazzjonijiet varji, kif jidher dettaljatament fl-elenku anness u markat Dok. "A(V)" u Dok. "A (B)", kwantitajiet ta' *"Vitalite Spreads"* u *"Bird's Custard Powder"* li gew erronjament dikjarati li jaqghu taht il-*Harmonised System Code 1517 1000 u 21.069094* rispettivament; mentri skond l-analista tal-Gvern stess - Dok. "B (V)" u Dok. "B (B)" - li l-klassifikazzjoni korretta hi 1517.9099 ghall-*"Vitalite Spread" u* 19.01.909090 ghall *"Bird's Custard Powder"*;

Illi kif jidher mill-istess elenku, Dok. "A (V)" u Dok. "A (B)", s-socjeta' attrici hallset ghal dawn il-konsenji kollha, ammonti ghall-dazzju u Levy, li fil-fatt ma kienux minnha dovuti, skond il-klassifikazzjoni korretta tal-*Harmonised System Code* - hawn fuq indikata;

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti nonostante diversi interpellazzjonijiet ufficjali tas-16 ta' Mejju 1996 u tal-15 ta' Ottubru 1996 debitament lilu notifikati ma' kull konsenja partikolari; kopji hawn annessi u markati Dok. "1 (V) 1" sa Dok. "1 (V) 21"; u Dok. "1 (B) 1" sa Dok. "1 (B) 6";

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, li l-klassifikazzjoni korretta skond il-*Harmonised System Code* ghal dawn il-konsenji partikolari kienet 1517.9099.00 ghall-*"Vitalite Spread"* u 19.01 909090 ghall-*"Bird's Custard Powder"* u bhala tali ezenti mill-hlas ta' Dazju u Levy;

(2) Tillikwida l-ammont imhallas mis-socjeta' attrici bhala dazzju u Levy f'dawn l-importazzjonijet - ammonti li ma kienux minnha dovuti u bhala tali rifondibbli;

(3) Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lis-socjeta' attrici l-ammont likwidat skond it-tieni domanda.

Bl-ispejjez, inkluza dik tal-ittra ufficjali msemmija tas-16 ta' Mejju 1996, u tal-15 ta' Ottubru 1996 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 143 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana a fol 148 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi kwantu hija diretta biex tbiddel att amministrattiv u cioe` d-decizjoni li l-prodotti kellhom ikunu soggetti ghad-dazju u ghall-levy kif dikjarati mis-socjeta'

attrici u accettat mill-esponent, l-azzjoni hija tardiva u perenta fit-termini ta' l-**Art. 469 A tal-Kap 12**.

2. Illi dina l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tbiddel il-ftehim bejn il-partijiet dwar in-natura tal-prodott li sar qabel ma l-prodotti in kwistjoni gew rilaxxati u ghalhekk l-ewwel talba u l-azzjoni kif bazata fuqha huma barra l-gurisdizzjoni tal-Qorti.

3. Illi d-dazju u l-levy li s-socjeta' attrici qeghda tilmenta li hallset indebitament thallsu abbazi ta' dikjarazzjonijiet maghmula mill-istess socjeta` u la darba kien hemm qbil, dwar in-natura tal-prodott fil-mument tar-rilaxx (qbil li abbazi tieghu l-esponent awtorizza rrilaxx u b'hekk zvesta ruhu mill-possibilita li jaghmel kontrolli ulterjuri fuq il-prodott) u l-pagament ma sarx bi zball izda abbazi ta' obbligazzjoni accettata mis-socjeta' attrici fil-*'customs entries'* il-pagament m'huwiex ripetibbli fit-termini ta' **l-Art 1022 tal- Kodici Civili.**

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta' attrici m'ghandha ebda interess guridiku fit-talbiet imressqa minnha f'din l-azzjoni stante li hija diga thallset lura d-dazju u l-levy li hallset fuq il-prodotti mportati, u anke ghamlet profitt fuqhom, meta bieghet l-imsemmija prodotti.

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi peress illi l-margini ta' profitt li jista' jsir mis-

socjeta` attrici jinhadem abbazi ukoll tad-dazju u tal-Ievy imhallsa fuq il-prodotti mportati l-istat ta' fatt li minnu tilmenta s-socjeta' attrici huwa irreversibbli u kieku kellu jinbidel ikun ifisser illi s-socjeta` attrici bieghet il-prodotti bi prezz ghola milli huwa premess mill-ligi.

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 149 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 150 sa 156.

Rat il-verbal tad-9 ta' Gunju 1998 fejn il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghall-14 t'Ottubru 1998.

Rat in-nota tal-konvenut tal-10 ta' Settembru 1998.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` attrici tal-1 t'Ottubru 1998 a fol 161 tal-process.

Rat il-verbal tal-14 t'Ottubru fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tisma' l-provi kollha dwar il-kaz u fuq l-eccezzjonijiet kollha u l-

kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-20 ta' Jannar 1999.

Rat il-verbali tal-20 ta' Jannar 1999, tat-13 t'Ottubru 1999, tad-19 ta' Jannar 2000, tad-29 ta' Marzu 2000, tas-7 t'April 2000, tat-3 t'Ottubru 2000, tat-30 ta' Novembru 2000, tal-21 ta' Frar 2001 fejn id-difensuri tal-partijiet talbu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet, il-Qorti laqghet it-tabla u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici tal-24 t'April 2001.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut datata 11 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota ta' riferenzi tas-socjeta' attrici datata 26 ta' Gunju 2001.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat ix-xhieda kollha u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(A) L-AZZJONI ATTRICI.</u>

Illi l-azzjoni attrici qed issir peress li s-socjeta' attrici qed tallega li hija importat f'Malta f'okkazzjonijiet varji, kif jidher dettaljatament fl-elenku anness u mmarkat Dok. "A(V)" u Dok. "A (B)", kwantitajiet ta' *"Vitalite Spreads"* u *"Bird's Custard Powder"* li gew erronjament dikjarati minnha li jaqghu taht il-*Harmonised System Code 1517 1000 u 21.069094* rispettivament; mentri skond l-analista tal-Gvern stess - Dok. "B (V)" u Dok. "B (B)" - li l-klassifikazzjoni korretta hi 1517.9099 ghall-*"Vitalite Spread"* u 19.01.909090 ghall-*"Bird's Custard Powder"*, u dan kien ifisser li kif jidher mill-istess elenku, Dok. "A (V)" u Dok. "A (B)", s-socjeta' attrici hallset ghal dawn il-konsenji kollha, ammonti ghall-dazzju u Levy, li fil-fatt ma kienux minnha dovuti, skond il-klassifikazzjoni korretta tal-*Harmonised System Code* - hawn fuq indikata, u ghalhekk qed titlob minghand il-konvenut ir-rifuzzjoni tal-ammont ta' dazzju u Levy li hija allegatament hallset zejjed fuq l-istess prodotti, stante li qatt ma kienu dovuti.

### <u>(B). PROVI ATTRICI PRODOTTI.</u>

Illi **Paul Bonnici** fis-seduti tat-3 ta' Marzu u 20 ta' April 1999 sostna li l-konsenji relattivi ghall-*Vitalite Spread* huma esebiti bhala Dok. A (V) a fol. 5 tal-process fejn hemm

indikati b'kollox 21 konsenja li gew indikati hazin skond il-*Harmonised System* u qed jitolbu l-hlas lura tal-ammont ta' dazzju u levy kollu li huma hallsu allegatament indebitament fuq l-istess konsenji, ammontanti ghall-Lm102,643; qed tintalab l-istess haga rigward il-prodott *Bird's Custard Powder* , din id-darba skond id-Dok. "A (B)" a fol. 6 tal-process, fejn l-ammont allegatament indebitament imhallas ghal sitt (6) konsenji jammonta ghall-Lm4,140.

Illi skond l-istess xhud l-importatur ghandu bhad-Dwana terminu ta' sentejn sabiex jitlob lura l-hlas ta' dazzju zejjed li hallas, kif id-Dwana ghandha dritt fl-istess terminu li tordna l-hlas ulterjuri ta' dazzju meta tigi riveduta l-klassifikazzjoni, u dan japplika anke meta l-prodott ikun inbiegh u d-dazzju zejjed ma jkunx inkluz fil-prezz. Illi skond l-istess xhud dan jirrizulta mill-**artikolu 8 (2) tal-Att XXXI tal-1989, u artikolu 20 (4) tal-Import Duties Act**.

Illi dan id-dritt tad-Dwana gie mieghu ezercitat f'konsenja ta' Noodles importata fit-12 ta' Jannar 1995, meta l-konvenut talabhom ihallsu ammont addizzjonali billi saret riklassifikazzjoni tal-H.S. Code tal-istess prodott, li fil-fatt thallset fl-24 ta' Awissu 1995, alavolja l-istess prodott kien gja inbiegh fis-suq lokali, kollox kif jirrizulta minn Dok. *"PB1" sa "PB 13"* (fol. 169 sa 180 tal-process). F'kaz minnhom dwar *foodstuffs* id-Dwana informathom li kienu hallsu zejjed u hadu *refund.*

Illi dan id-dritt tad-Dwana huwa indipendenti mill-fatt li l-oggett ikun inbiegh abbazi tad-dazzju u levy imhallas fuq l-H.S. Code dikjarata, kif fil-fatt gara fil-kaz appena imsemmi, u ghalhekk dan ma ghandux jippregudika sitwazzjoni bil-maqlub ghal dik esposta fil-paragrafu precedenti, li tikkonsisti fil-kawza odjerna, u dan inghad anke *vis-a-vis* il-hames (5) eccezzjoni tal-konvenut.

Illi l-istess xhud kompla jghid li l-*Harmonised System* korretta giet stabbilita fil-5 ta' Mejju 1995 (fol.8) u 25 ta' Settembru 1995 (fol.7), u kwantu ghall-*Bird's Custard Powder* fil-4 ta' Ottubru 1995 (fol.9) mill-analista tad-Dwana, Victor Sammut, li abbazi taghha l-ebda ammont ta' dazzju u levy ma kien dovut.

Illi ghall kul partita tal-istess prodotti giet spedita ittra ufficjali lill-konvenut, li kopji legali taghhom huma annessi mac-citazzjoni attrici, u lkoll gew debitament notifikati lill-konvenut, pero' l-konvenut qatt ma rrisponda, ghalkemm sostna li b'mod mhux ufficjali, xi ufficjali tad-Dwana stqarrew mieghu li ghandu dan id-dritt ta' rifuzzjoni.

Illi sostna li l-informazzjoni li jkun hemm fil-*Customs Entry* issir mill-importatur *"to the best of one's knowledge"* u dejjem tigi verifikata mill-ufficjali tad-Dwana meta tasal Malta, tant li jekk ikun hemm diskrepanza tigi modifikata l-klassifikazzjoni, kif fil-fatt gara fil-kaz odjern, wara li jsiru l-verifiki mill-analista tal-Gvern, li jiehu u jezamina kampjuni tal-istess merkanzija. Jekk tigi konfermata klassifikazzjoni

differenti tigi maghmula *post entry* ghas-somma addizzjonali dovuta. L-importatur ghandu d-dritt li jitlob ri-konsiderazzjoni anke abbazi ta' dokumenti godda li jkun ircieva minbarra, u l-konvenut ghandu f'kaz ta' *mala fede* jimponi wkoll penali.

Illi dwar l-allegazjoni tal-konvenut, li din l-kawza ma tistax tippermetti li s-socjeta' attrici taghmel profitt ghola minn dak permess mill-ligi, l-istess xhud sostna li fil-kaz invers ta' ri-klassifikazzjoni u hlas addizzjonali ta' dazzju jew levy, l-importatur mhux profitt jaghmel izda jmur minn taht, ghalkemm dan l-argument huwa irrelevanti ghall-kwistjoni odjerna stante li t-terminu ta' sentejn huwa impost mill-ligi, u fil-kaz ta' *perishable good* dan dejjem johloq sitwazzjoni difficli ghaliex il-klassifikazzjoni gieli tiehu gimghat sabiex tittiehed, u ghalhekk ikun hemm ir-riskju li l-prodott jeccedi s-*shelf life* tieghu.

Illi in kontro-ezami l-istess Paul Bonnici xehed fis-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju inkluzi dawk tal-24 ta' Gunju u 18 ta' Novembru 1999, 11 ta' Mejju 2000 u 21 ta' Gunju 2000 fejn ikkonferma li l-prodotti u l-konsenji mertu tal-kawza odjerna kollha inbieghu bi profitt abbazi tal-klassifikazzjoni taghhom fuq il-*Customs Entry,* li giet accettata mid-Dwana, u l-prezz kien ibbazat fuq l-levy li thallset. Sostna wkoll li s-*shipping dipartment* tas-socjeta' attrici jara l-klassifikazzjoni tal-istess prodott, u fejn ikun hemm dubju isaqsi ghall-klassifikazzjoni minn barra. Fil-kaz in ezami l-*complaint* sar fin-1995 meta diversi ufficjali

tad-Dwana staqsew ghaliex qed jithallas *levy* fuq dan il-prodott. Gieli hallsu l-istess dazzju *under protest*, izda mhux f'dan il-kaz.

Illi kompla jghid li l-prodott simili li kien qed jigi klassifikat differentement kien *Remia* ta' Alf. Mizzi & Sons, pero' ma jafx jekk kienx hemm kontestazzjoni fuq din il-klassifikazzjoni mid-Dwana, u l-prezz tal-prodott kien irhas xi 5c minn dak tas-socjeta' attrici.

Illi dwar klassifikazzjoni sostna li d-Dwana ma ghandhiex apparat biex taghmel certi analizi, u ghalhekk jista' jigri li l-kampjun irid jintbaghat barra sabiex issir dan, u jhallas l-importatur, kif fil-fatt gara lilu f'kaz partikolari w inghata *refund.*

Illi l-ewwel konsenja li ma thallsitx *levy* fuqha wara l-ezami tal-analista kienet dik tas-6 ta' Mejju 1995, u ghalhekk il-prodott rahas, u l-ahhar darba li thallset *levy* kienet fuq il-konsenja tat-28 ta' April 1995 ghalkemm xorta wahda irid ikun hemm *import licence.*

Illi fuq mistoqsija tad-difensur tal-konvenut sostna li jekk jirbah din il-kawza huwa qabel li jkun ircieva l-istess ammont darbtejn, pero' l-ligi skond huwa ma tharisx lejn dan, izda taghti d-dritt li tirreklama d-dazzju li thallas zejjed.

Illi **Victor Sammut**, *Senior Customs Analyst* fid-Dipartiment tad-Dwana fis-seduta tal-15 ta' Settembru

1999 sostna li huwa *Advisor Tekniku* fid-Dipartiment tad-Dwana, u sostna li fejn ikun hemm diffikulta teknika dwar il-prodotti huwa jaghti parir tekniku lid-Dwana mhux biss fuq il-kontenut tekniku, izda wkoll fuq l-kontenut materjali tal-prodott u fuq it-tariffa u klassifikazzjoni, anke f'certi kazi dwar l-ingredjenti tal-istess prodott.

Illi huwa ikkonferma id-dokumenti a fol. 154, 155, u 156 tal-process u ddikjara li gew miktuba w iffirmati minnu u hemm it-timbru ufficjali fuqhom, u f'dan il-kaz sab il-klassifikazzjoni differenti minn dik iddikjarata mis-socjeta' attrici. Dan ghaliex il-*fat contents* tal-prodott *Vitalite fat spread* kien inqas minn 80%, u allura ma jigix konsidrat bhala margerina. Dwar il-*Bird's* stante li dan kellu bazi ta' *cornflour u starch,* l-klassifikazzjoni korretta hija taht *chapter 1901.* Ir-rizultat ta' din il-klassifikazzjoni hija li tali prodotti ma hemmx levy fuqhom. Dan il-kaz gie riferit lilu minn fizzjal tad-Dwana jew minn *runner* li ghaddilu l-kampjuni sabiex jigu ezaminati minnu.

Illi in kontro-ezami sostna li dawn il-kampuni gew mghoddija f'Jannar 1995, ghalkemm ma kien jistax jghid bl-ezatt, u wara dan il-kaz kampjuni ta' *fat spreads* bdew jigu analizati regolarment, ghaliex dan il-kaz holoq *awareness* fuq dawn il-problemi. Ma sarux ezamijiet kimici, izda qaghdu fuq id-dikjarazzjonijiet li saru fuq il-kaz, fuq l-*labels* fejn ikun dikjarat il-*fat content* li fil-kaz tal-*Vitalite* kien *50%* u allura jigi dikjarat bhala *fat spread*, mentri tal-magerina ikun 80% jew aktar, u gew esebiti zewg *labels*

wahda tal-*Vitalite Light* (Dok. VS) u dik ta' *Vitalite Sunflower Margerine* (Dok. VS1). Fejn ma ghandhomx mezzi biex jaghmlu analizi jaraw biss il-*label*. Issir analizi dejjem fil-kaz li jkun hemm suspett li tali *label* hija falza, f'kazijiet ta' *border line.* Fil-kaz tal-*Bird's* saret analizi u rrizulta li l-kontenut huwa *cornflour* u hekk saret il-klassifikazzjoni.

Illi l-istess xhud kompla jispjega kif issir il-klassifikazzjoni, u meta jsiru *t-tests.*

Illi l-istess xhud reggha xehed fis-26 ta' Settembru 2000 u gharaf id-dokumenti "MS1A" u "MS1B" li kien hemm il-kitba inizjali u timbru tieghu, u inizjali fuq id-Dok. "MS3" u xejn fuq id-dokument "MS4". Illi fuq dokument "MS 3" l-importatur kien iddikjara prodott taht *chapter* 1910 u huwa kien ikkonfermah u dan fl-14 ta' Frar 1994.

Illi fid-dokument "MS6A" jidher li saret *post entry* ghall-prodotti li gew immarkati bhala *item 8* fid-dokument "MS3" u din tinsab datata 10 ta' Marzu 1994, u li thallas fis-16 ta' Marzu 1994 dejjem relattiv ghall-*custard powder* li giet klassifikata ghall chapter 21 06 90 94.

Illi xehed ukoll **Mario Gatt** fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2000 sostna li l-prodott *Vitalite* kien jigi impurtat mis-socjeta' attrici taht klassifikazzjoni li huwa indika, u li giet accettata mid-Dipartiment tad-Dwana, u fil-fatt kienet tigi rilaxxata regoralment, u allura l-istess socjeta' attrici kienet kuntenta

bl-istess klassifikazzjoni. Darba minnhom il-fizzjal Franco Bruno gieh dubbju jekk tali klassifikazzjoni kienitx korretta u ha kampjun u ghaddieh lill-ispizjar Victor Sammut, u fil-fatt dan iddecieda li kien hemm klassifikazzjoni zbaljata u ghalhekk ma kellhiex tithallas levy fuqu abbazi tal-klassifikazzjoni korretta, u fuq din l-ahhar konsenja l-levy li thallset regghet inghatat lura lis-socjeta' attrici ghalkemm *records* ma nstabux. Pero' s-socjeta' attrici marret lura ghall-konsenji tal-ahhar sentejn u ghamlet din il-kawza, wara li gie mistoqsi jekk kienx gabar il-levy, li baqa' ma rrispondihx.

Illi jekk l-importatur ma jkunx jaf il-klassifikazzjoni jista' jmur jistaqsi fil-*front office* jew jikteb lill-Kollettur u taghtih kampjun u tinghata klassifikazzjoni bil-miktub, u s-socjeta' attrici ma ghazlet l-ebda wahda minn dawn.  Is-socjeta' kienet ilha timporta dan il-prodott ta' *Vitalite* pero' fittxet biss ghall-ahhar sentejn.

Illi fil-kaz tal-*Bird's* kienet qed issir klassifikazzjoni sewwa taht in-1910/90 izda ir-*releasing officer* Marion Grech iddecidiet li l-klassifikazzjoni kellha tkun 2106 u saret *post entry claim* li thallset ghaliex ma ikkontestax il-klasifikazzjoni l-gdida; fil-konsenji ta' wara baqghet issir skond il-klassifikazzjoni l-gdida li fil-fatt irrizulta li kienet zbaljata. Talab *refund* pero' la darba rega' ma kkonfermahx jekk kienx gja thallas tal-*levy,* ovvjament ir-rifuzzjoni ma saritx.

Illi in kontro-ezami sostna li ma hemm l-ebda obbligu fuq l-importatur sabiex jitlob klassifikazzjoni minghand id-Dipartiment, u il-Kontrollur tad-Dwana ghandu sentejn zmien sabiex jirriklama fuq *re-classification purposes.*

Illi **Marion Scerri** xehdet fis-6 ta' Settembru 2000 u sostniet li kienet ghamlet *release* tal-*Bird's* fl-10 ta' Marzu 1994 flimkien ma Frans Attard, u meta rat il-merkanzija fl-imhazen Hal Qormi giela dubbju fuq il-klassifikazzjoni u kellmet lil Tony Camilleri li qalilha li l-prodott kien bil-*levy* u harget *post entry* fil-11 ta' Marzu 1994 u sar il-hlas tal-istess. Ma kienitx taf jekk wara saritx *re classification* tal-prodott ghaliex harget bil-*leave.*

Illi **Franco Bruno** xehed fis-6 ta' Settembru 2000 u sostna li huwa kien ir-*releasing officer* fil-merkanzija Numru 461884 u 461883 li sar ir-rilaxx taghha fis-27 ta' Jannar 1995, u peress li kien hemm *invoices "Vitalite Margerine"* u ohrajn *"Vitalite Light"* gew fid-dubju ghaliex is-*supplier* kien qed jaghmel din id-differenza w ivverifikaw l-istess wara li hadu l-kampjuni u d-*duty entry*; s-socjeta' attrici hallset bhala *"margerine"* pero' r-rizultat tal-analista sab li dan ma kienx margerina izda *fat spread* u ma kienx dovut levy fuqu.

Illi Alfred Agius fis-26 ta' Settembru 2000 esebixxa estratt tar-regolamenti tan-1972 dwar il-kontroll tal-Bejgh tal-Oggetti bhala Dok. "KD1" fejn hemm spjegat kif jigi kalkolat

il-profitt fuq il-prodott, u l-*integrated tariff* ghall-margerina bhala Dok. "KD2".

**(C). APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-ewwel eccezzjoni li tqajjmet mill-konvenut hija fis-sens li l-azzjoni sabiex tattaka att amministrattiv hija perenti bit-terminu perentorju ta' sitt (6) xhur *ai termini* tal-**artikolu 469 A tal-Kap 12.**

Illi din l-eccezzjoni hija bbazata fuq dak li jistabilixxi l-**artikolu 469 A (3) tal-Kap 12** li jiddisponi illi:-

*"Kawza biex twaqqa' eghmil amministrattiv taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess issir jaf jew setgha issir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amminstrattiv"*

Izda pero' ma jirrizultax li din hija l-unika haga li jghid l-istess artikolu peress li fis-**subartikolu (4) tal-artikolu 469A** hemm provdut ukoll li:-

*"Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew il-ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra".*

Illi dan ma huwa xejn izjed hlief applikazzjoni tal-principju li *"lex specialis derogat generalis"* u dan huwa wkoll salvagwardat espressament fl-istess subartikolu appena citat, u wkoll bl-**artikolu 469 A** innifsu li irrikonoxxa, dak li kien ilu jigi ritenut ghall-diversi snin fil-gurisprudenza nostrali, li l-Qrati ghandhom is-setgha li jistharrgu il-validita' ta' eghmil amministrattiv *inter alia* meta jkun *ultra vires,* isir b'abbuz tal-poter, isir kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, jew immur kontra l-ligi anke dik kostituzzjonali, tant li fis-**subartikolu (1)** jinghad ukoll li tali dritt ta' rikors lejn il-Qrati qed jinghata lill persuna interessata, *"hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi".*

Illi s-socjeta' attrici qed tghid li qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-**artikolu 34 tal-Kap 265** fejn qed issostni li din azzjoni hija fil-kompetenza ta' din il-Qorti jew il-Qorti tal-Magistrati skond il-kompetenza taghhom, u fejn skond l-**artikolu 24 tal-istess Kap 265** kien hemm provdut li :-

*"Ebda hlas ma ghandu jsir dwar xi hlas lura kemm-il darba t-talba ghal hekk ma tkunx maghmula lill-Kontrollur tad-Dwana qabel eghluq sentejn mid-data ta' l-okkazzjoni li bil-grajja taghha jkun sar dovut il-hlas lura".*

Illi jinghad li l-istess **Kap 265** gie mhassar bl-Att XXXV ta' l-1989, u minflok gie sostitwit bil-**Kap 33**7, li skond l-**artikolu 20 (4)** jipprovdi li:-

*"A request for the remission of import duty shall be submitted in writing to the Comptoller of Customs not later than two years from the date of payment of such duty".*

Illi wkoll l-**artikolu 36 tal-Kap 337** jipprovdi li:-

*"Nothwithstanding the provisions of any other law, any action for the recovery of any import duty, or any difference of import duty, charged or chargeable under this Act shall be brought, as the case may require, before the First Hall of the Civil Court or before the Court of Magistrates (Malta) in its civili jurisdiction or before the Court of Magistrates (Gozo) also in its civil jurisdiction".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti kemm l-**artikolu 36 tal-Kap 337,** u kemm l-**artikolu 34** ta' dak li kien il-**Kap 265** ma jirreferux ghall-azzjoni li jaghmel l-importatur tal-istess oggetti sabiex jiehu lura id-dazzju zejjed li allegatament ikun hallas, izda jirreferi ghal azzjoni li jista' jaghmel il-Kontrollur tad-Dwana sabiex jirrikjama dazju li jkun ghadu ma thallasx, ghalkemm l-istess importatur bil-ligi generali ghandu dejjem rikors lejn dawn il-Qrati, biss mhux tramite dan l-artikolu in ezami.

Illi jekk wiehed imbaghad ihares lejn l-**artikolu 20 (4) tal-Kap 337,** dan ukoll ma jirreferihx ghall-azzjoni bhal dik odjerna fejn qed tintalab rifuzzjoni ta' levy u dazzju allegatament imhallsa indebitament lill-konvenut, izda tirreferi biss ghar-rifuzzjoni ta' dazzju f'kaz ta' nuqqas ta' kollijiet (*packages)* shah ta' oggetti skond kif provdut fl-

**artikolu 20 (2) tal-Kap 337** u taht l-kondizzjonijiet hemm specifikati.

Illi din hija l-posizzjoni attwali taht l-imsemmi **Kap 337,** u s-sitwazzjoni kienet l-istess ukoll abbazi tal-**artikolu 24 tal-Kap 265,** stante li l-istess Att jipprovdi biss ghall-hlas lura ta' dazzju skond il-provedimenti tal-**artikoli 20 sa 23** u ohrajn meta l-prodott jigi ri-esportat.

Illi fix-xhieda tieghu ix-xhud **Paolo Bonnici** irrefera ukoll ghall-**artikolu 8 tal-Kap 336,** izda dan l-artikolu jirreferi biss ghall-hlas lura ta' dazzju f'kaz ta' oggetti li ma gewx rilaxxati, u ghalhekk lanqas dan l-**artikolu** ma japplika ghall-kaz *de quo.*

Illi mela allura f'dan il-kaz jirrizulta li ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi specjali li tipprovdi ghall-mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju ghar-refuzzjoni ta' dazzju imhallas allegatament indebitament lill-Kontrollur tad-Dwana, almenu fil-mument li gietipprezentata c-citazzjoni attrici fid-19 ta' Settembru 1997, u allura japplika dak stipulat fl-istess **artikolu 469A tal-Kap 12,** dejjem fuq il-presuppost li dak li qed jigi kontestat huwa 'eghmil amministrattiv" minn awtorita` pubblika' skond is-subartikolu (2) tal-istess artikolu.

Illi huwa daqstant car li jekk japplika l-**artikolu 469 A tal-Kap 12,** *"tali kawza biex twaqqa' l-eghmil amministrattiv taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu*

*ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema tigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv".*

Illi tenut kont tal-fatt li l-importazzjonijiet kollha mertu tal-kawza odjerna jirreferu ghall-merkanzija li waslet Malta fis-snin 1993, 1994, u 1995, skond kif jidher mid-dokumenti kollha annessi mac-citazzjoni attrici, u peress li d-dikjarazzjoni tal-Analista tal-Gvern dwar l-istess prodotti u il-*Harmonisation Code No. applikabbli* saret fil-25 ta' Settembru 1995, kif jirrizulta mix-xhieda attrici u wkoll ammess fin-nota responsiva tas-socjeta' attrici a fol. 161 tal-process, u la darba ic-citazzjoni giet biss prezentata fid-19 ta' Settembru 1997, jidher li din il-kawza hija perenta *ai termini* tal-**artikolu 469 A (3) tal-Kap 12,** peress li ma saritx fit-terminu ta' sitt (6) xhur hemm indikat, liema terminu huwa perentorju u ma jistax jigi estiz kif gie deciz fis-sentenza **"Dentist Gerard Zammit vs Awtorita' tal-Ippjanar"** (P.A. (RCP) 2 ta' Frar 2000).

Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu jinghad ukoll li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi lanqas kieku l-azzjoni taghha ma hijiex preskritta, stante li l-unika prova li ingabet kienet rigwardanti l-anilizi tal-prodotti li gew investigati w ittestjati fil-25 ta' Settembru 1995, u ma hemm l-ebda prova dwar il-prodotti l-ohra mertu tal-kawza odjerna, li gew importati qabel din id-data, hlief li l-importatur stess, u cjoe' s-socjeta' attrici kkwotat il-*Harmonisation Code Number* hija stess li gie accettat mill-konvenut, u abbazi ta' din il-

klassifikazzjoni tal-prodott stess mis-socjeta' attrici, hareg l-ammont ta' dazzju u *levy* li kien dovut fuq l-istess prodotti.

Illi fil-fatt ma ingabet l-ebda prova kwalunkwe li tali klassifikazzjoni tal-istess prodotti kienet zbaljata, stante li ma saritx analizi fuqhom, u *di piu`* lanqas l-istess socjeta' attrici ma talbet li taghmel anilizi fuqhom, haga li hija setghet talbet f'kull hin, bil-mezzi kollha disponibbli ghaliha u nonostante dan baqghet ma ghamlitux; tali anilizi fuq l-imsemmija prodotti mertu tal-kawza odjerna, hija illum wkoll imposibbli li ssir peress li l-istess socjeta' attrici ddisponiet mill-istess prodotti, billi hargithom fis-suq u inbieghu lill-konsumatur u lill-terzi, b'mod li *ex admissis* s-socjeta' attrici irkuprat id-dazzju kollu li hija hallset lill-konvenut, ghaliex ovvjament iffissat il-prezz proprju abbazi tad-dazzju imhallas.

Illi jista' jinghad wkoll li l-mument krucjali tal-ammont ta' dazzju dovut huwa ovvjament il-mument tar-rilaxx tal-istess merkanzija lill-importatur, li f'dan il-kaz gie accettat mis-socjeta' attrici, mhux ghal darba izda ghal diversi drabi, bla ma qatt talbet riklassifikazzjoni tal-istess prodott, u dan salv drittijiet specjali moghtija lill-konvenut bil-ligi espressament ghall-hlas ta' ammont ulterjuri ta' dazzju dovut.

Illi jista' min-naha l-ohra u forsi jigi argumentat li l-azzjoni li s-socjeta' attrici ittentat hija dik ta' *indebiti solutio* abbazi tal-**artikolu 1022 tal-Kap 16** li jipprovdi li:

*"Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur".*

Illi pero' fl-opinjoni ta' din l-Qorti it-talbiet attrici lanqas jistghu jaqaw taht il-parametri ta' din l-azzjoni, peress li meta l-istess socjeta' attrici hallset id-dazzju fuq l-istess merkanzija, hija halset skond l-klassifikazzjoni moghtija minnha stess, li giet applikata mill-konvenut skond il-ligi, u allura ma jistax jinghad li tali hlas sar bi zball mill-istess socjeta' attrici, anzi sar minnha korrettament kif l-istess oggett gie minnha dikjarat u accettat mill-Kontrollur tad-Dwana, stante li hadd mill-partijiet fil-kawza ma talab li ssir anilizi jew riklassifikazzjoni tal-istess prodotti, u ghalhekk id-dazzju inhadem fuq dik il-klassifikazzjoni li qabblu dwarha il-partijiet fil-kawza.

Illi la darba ghalhekk l-istess klassifikazzjoni qabblu dwarha l-partijiet odjerni u la darba l-imposizzjoni ta' dazzju u *levy* saret skond l-istess *Harmonisation System Code* kwottata mis-socjeta' attrici nnifsiha, u l-hlas mis-socjeta' attrici sar abbazi tal-istess, tant li gie effettwat il-konsegwenti rilaxx tal-merkanzija kollha mertu tal-kawza attrici, mela allura iffisser li legalment dak id-dazzju hekk stabbilit kien dovut fuq l-istess konsenji, u ghalhekk abbazi tas-sentenza **"Carmelo Camilleri *et vs* Reverendu Vincenzo Bugeja *et*"** (XXIX.ii.308) l-azzjoni ma tistax tirnexxi stante li ma jirrizultax li l-istess konvenut ircieva hlas mhux misthoqq.

Illi fil-fatt inghad wkoll abbazi tall-istess azzjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Anton Azzopardi *et nomine vs* Lawrence Ciantar *nomine et"*** (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 – LXXXII.ii. 791) li:-

*"Il-ligi taghti l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq mhux biss meta kull ma thallas ma kienx hlas misthoqq, izda wkoll meta ghalkemm xi hlas ikun misthoqq, ikun thallas izzejjed milli kien misthoqq, u jekk jigri hekk min thallas jista' jfittex ghar-radd taz-zejjed imhallas. Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista' jintalab bil-jedd, jehtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball u dan l-izball kien di fatto, L-izball 'di diritto' ma jservix biex jintalab bil-jedd dak l-imradd".*

Illi jinghad ukoll li dan l-istitut ta' *indebiti solutio* huwa intiz sabiex il-parti li tkun hallset indebitament dak li in verita' ma jkunx dovut minnha, tkun tista' tirkupra dak li hija hallset lura, u b'hekk tigi re-integrata fil-posizzjoni taghha kif kienet qabel ma sar tali hlas, hlief fil-kaz ta' *mala fede* ta' min ikun ircieva dak l-indebitu, fejn ikunu jridu jsiru hlasijiet ulterjuri skond il-ligi.

Illi huwa ghalhekk gust u ovvju li sabiex tirnexxi din l-azzjoni d-debitur ma jridx ikun gja gie kkumpensat b'mod iehor, jew diga rcieva l-ammont minnu mhallas b'mod iehor, ghaliex allura jekk jerga jithallas mill-kreditur, huwa ma jkunx ircieva rifuzzjoni ta' dak li huwa hallas, izda ikun

qed jaghmel profitt ghaliex jircievi d-doppju tal-ammont li huwa hallas. Certament li dan ma huwiex l-ispirtu ta' dan l-istitut legali, w allura la darba l-istess socjeta' attrici ammettiet li hija gia irceviet l-ammont ta' dazzju li hija lill-importatur, billi bieghet l-istess prodotti bl-istess dazzju impost fuqhom, l-azzjoni attrici anke taht dan l-aspett ma tistax tirnexxi, stante li kieku dan jigi ammess minn din il-Qorti, tkun qed tawtorizza li ssir arrikiment indebitu mill-istess socjeta' attrici, li tkun ipprofittat ruhha mill-allegata klassifikazzjoni zbaljata li hija qed tghid li hija ghamlet.

Illi certament li din il-Qorti thoss li hija ma ghandhiex tippermetti dan, taht ebda cirkostanza, stante li l-azzjoni ta' hlas indebitu ma hijiex intiza sabiex parti tipprofitta ruhha minnha, izda sabiex il-parti tigi re-integrata fil-posizzjoni precedenti ghall-allegat zball, u la darba l-istess socjeta' attrici ilha li rceviet l-ammonti li hija allegat li hallset zbaljatament, jista' jinghad ukoll li l-istess socjeta' attrici lanqas ghandha interess guridiku sabiex taghmel din l-azzjoni, interess guridiku miftiehem fis-sens legalistiku tieghu.

Illi dan qed jinghad fl-isfond tal-**artikolu 20A** li gie introdott bl-Att XII tal-2001, fejn jinghad li :-

*(1) "Nothwithstanding the provisions of articles 1012 to 1028 of the Civil Code, duty paid in accordance with a declaration made to the Comprtoller by the importer or by a person authorised to make such a declaration on the*

*importer's behalf, shall be deemed to have been properly paid and to have been due and shall be refundable"*

*(2) "Subject to the provisions of subarticle (1) above, it shall be lawful for any person to demand the refund of any duty paid in respect of the importation of any product, provided that –*

*(a) "at the time of payment the Comptroller is informed in writing that the legality of such payment is contested; and"*

*(b) "the demand for the refund of any such duty is notified to the Comptroller not later than one year from the release of the imported goods; and"*

*(c) "a claim for the refund of any such duty is made in a judicial protest or judicial letter served upon the Comptroller not later than two years from the release of the imported goods";*

*(d) "where said claim for a refund is based on a claim to the effect that the product was not charged according to the correct classification, the classification of the goods by the Comptroller is manifestly erroneous".*

*(3) "No person shall have, or be demed to have ever had a right to claim the refund of any duty which, although having been paid in excess, has been, or can reasonably be presumed to have been collected by such person as part*

*of the price at which the goods in respect of which such duty was paid were sold to others".*

*(5) "The provisions of subarticle (3) which refer to the time prior to the coming into force of the said subarticle, are simply declaratory for the avoidance of doubt as to the interpretation of the law as it stood prior to the coming into force of the said subarticle"*

Illi ghalkemm huwa ovvju li l-procedura stabbilita ma hijiex applikabbli ghal kaz *de quo,* din l-emenda tikkonferma li qabel l-istess artikolu ma kienx hemm disposizzjoni *ad hoc* fil-Ligi tad-Dwana li kienet tipprovdi ghall-procedura specjali sabiex issir tali talba, u li l-unika mezz li kellu l-importatur huwa li jagixxi jew *ai termini* tal-**artikolu 469 A** jekk tali imposizzjoni ta' dazzju titqies bhala *'eghmil amministrattiv'* jew skond l-**artikolu 1022 tal-Kap 16**, u ghalhekk il-posizzjoni fuq spjegata hija dik ezistenti qabel l-introduzzjoni ta' din l-ahhar emenda. **("Donald Darmanin nomine vs Kontrollur tad-Dwana" –** A.C. 3 ta' Marzu 1993).

Illi ghall-kompletezza jinghad li it-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija bla ebda bazi stante li din il-Qorti ghandha manifestament gurisdizzjoni sabiex tisma' kif fil-fatt semghet dan il-kaz, kemm abbazi tal-principji generali tal-ligi, kemm skond id-disposizzjoni tal-Ligijiet specjali tad-Dwana, u ghalhekk din it-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-istess konvenut, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru, 2001**